MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2007

Numru. 697/2006

**Il-Pulizija**
**Supretendent Antonello Grech**
**V**

**ENRICH JOE CAUCHI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ENRICH JOE CAUCHI** bin Anthony u Maria nee Muscat, imwieled nhar t-tmintax ta' Marzu 1982 u residenti 17, Triq Filfla, Ghajnsielem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 10582G gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. talli nhar t-tmintax ta’ Gunju 2006, ghal habta tas-siegha ta’ filghodu, fi Triq r-Repubblika, Rabat,

Ghawdex, saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBA 923 b'manjiera traskurata u perikoluza;

2. talli b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti habat ma vettura bin-numru ta' GAM 117 w involuntarjament kkagunalha hsara ghad-dannu ta' Michael Bartolo minn Naxxar, ma vettura bin-numru ta' GAN 692 w involuntarjament kkagunalha hsara ghad-dannu ta' Paul Camilleri mir-Rabat, Ghawdex u ma vettura bin-numru ta' IAU 336 w involuntarjament kkagunalha hsara ghad-dannu ta' Spiridione Camilleri mir-Rabat, Ghawdex;

3. talli kagun ta' din il-kollizzjoni, b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, involuntarjament kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Nicholas Zammit minn Ghajsielem, Ghawdex skond kif iccertifika Doctor Coronato Grech MD fl-isptar Generali ta' Ghawdex.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija l-imputat jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tas-sewqan tieghu kif ukoll tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-process verbal relattiv redatt mill-Magistrat Dottor Paul Coppini, liema esperti hemm nominati gew konfermati minn din il-Qorti kif preseduta, l-affidavit ta' Doctor Coronato Grech datat erbgha w ghoxrin ta' Ottubru 2006, c-certifikat mediku rilaxxat minn Doctor I. Galea fil-konfront tal-imputat, certifikat mediku rilaxxat minn Doctor Coronato Grech fir-rigward Nicholas Zammit u l-okkorrenza relattiva.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Ikkunsidrat:

Illi nhar d-disgha ta' Novembru 2006 xehed s-Supretendent Paul Camilleri wara li esibixxa certifikat mediku rilaxxat minn Doctor I. Cilia mmarkat bhala dokument PC 1 mahrug fil-konfront ta' l-imputat fejn

hemm deskritt l-feriti li ssubixxa nhar t-tmintax ta’ Gunju 2006 fejn gie deskritt li l-imputat iddahhal l-iSptar Generali f’kundizzjoni gravi bil-possibilita li jitlef hajtu. Ix-xhud esibixxa wkoll certifikat tat-twelid tal-imputat li gie mmarkat bhala dokument PC 3 kif wkoll fedina penali tal-istess imputat bhala dokument PC 4.

Spjega li hu kien gie nfurmat li kienet sehhet kollizzjoni u li fiha wegghu xi nies fosthom l-imputat li kien f’kundizzjoni gravi u Nicholas Zammit li kellu feriti ta’ natura hafifa. Minn investigazzjoni preliminari rrizulta li l-imputat kien ghaddej bi speed eccessiv sejjer lejn r-Rabat meta qabez vettura misjuqa minn Stephen Micallef sejjer fid-direzzjoni tar-Rabat fl-istess karreggjata, habtet mieghu, tilef l-kontroll u dahal f’zewg karozzi li kienu pparkjati u cioe f’Opel bin-numru ta’ registrazzjoni IAU 336 ta’ Spiridione Camilleri u dik bin-numru ta’ registrazzjoni GAN 692 tal-ghamla Peugeot ta’ Paul Camilleri. Il-vetturi garrbu hsarat estensivi.

Max Joseph Xuereb, Doctor Joseph Grech u l-Perit Guido Vella kkonfermaw r-relazzjoni taghhom esibita fl-atti w iddikjaraw li halfu l-inkarigu lihom moghti fl-inkjesta skond l-ahjar abilita taghhom.

Illi fid-disgha ta’ Novembru 2006, dehru Spiridione Camilleri, Nicholas Zammit u Paul Camilleri w iddikjaraw li kienu qed jirrinunzjaw ghal azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat.

Semghet lil PS 1377 Emanuel Cilia jixhed fis-seduta tat-tmintax ta’ Jannar 2007 w ezamiant l-okkorrenza minnu presentata w immarkata bhala dokument PS.

Minn ezami tal-istess jirrizulta bla ebda tlaqliq li l-imputat kien qed isuq vettura tal-ghamla Alpha Romeo bin-numru ta’ registrazzjoni EBA 923 sejjer lejn r-Rabat meta fid-daqqa w il-hin, qabez il-vettura ta’ quddiemu misjuqa minn Michael Bartolo, tilef l-kontroll tal-vettura tieghu bil-konsegwenza li habat go zewg vetturi ohra li kienu pparkjati u dan fi Triq r-Repubblika, r-Rabat.

Rat wkoll x-xhieda ta' Spiridione Camilelri, Stephen Micallef kif moghtija fl-istadju tal-inkjesta u rat li bejniethom hemm qbil ta' kif sehh l-incident u cioe li dan sehh minhabba serqan eccessiv u traskurat da parti tal-imputat.

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Gunju 2007 **xehed l-imputat** minn jeddu b'mod voluntarju, wara li kien xehed fl-atti tal-inkjesta nhar t-tmintax ta' Gunju 2006, fejn qal li jiftakar li hu kien tiela lejn r-Rabat, ghadda minn quddiem Villa Rundle, kien qed jaqla karozza u meta kwazi kien qala din il-vettura, din laqtitu fuq il-gemb tax-xellug u bid-daqqa li qala fuq il-vettura tieghu, din daret u spiccat dahlet f'zewg vetturi li kienu pparkjati. Mistoqsi xi speed kien ghaddej bih, x-xhud wiegeb li kien ghaddej b'xi hamsa w erbghin jew hamsin mil fis-siegha w ghalkemm fl-istqarrija, mistoqsi dwar l-i*speed* li kellu jghid li ma kienx jaf.

Minn ezami tar-**relazzjoni tal-espert Joseph Zammit** jirrizulta li ma rrizultax li t-telfien ta' kontroll tal-vettura tal-ghamla Alfa Romeo bin-numru ta' registrazzjoni EBA 923 misjuqa mill-imputat, kien kagjonat minn xi hsara tekniku bhal ma huwa hsara fuq xi rota peress li l-erbgha roti taghha instabu shah u f'kundizzjoni tajba, kwazi godda. Irrizulta wkoll li s-sistema tal-i*steering* ta' din il-vettura kien ghadu tajjeb u jiffunzjona. Irrizulta wkoll li l-hsara fuq il-vetturi l-ohra involuti f'din il-kollizzjoni u cioe dik tal-ghamla Ford Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni GAM 117, dik tal-ghamla Citroen Xsara bin-numru ta' registrazzjoni GAN 692 u dik tal-ghamla Opel bin-numru ta' registrazzjoni IAU 336, kienu kagjonati mill-vettura tal-ghamla Alfa Romeo. Irrizulta li l-imputat li kien s-sewwieq tal-vettura Alfa Romeo, kien qed isuq bi speed eccessiv. Illi l-hsara fuq il-vettura Ford Fiesta kienet tlahhaq l-mitejn lira maltin, dik fuq il-vettura Citroen kienet tlahhaq l-elf u tmin mitt lira maltin, filwaqt li l-vettura tal-ghamla Opel spiccat total loss u dak li baqa minnha kellu valur ta' mitt lira maltin, meta qabel dan l-incident din il-vettura kellha valur ta' elfejn lira maltin.

Minn ezami tar-**relazzjoni tal-Perit Gwido Vella** jirrizulta li t-triq fejn sehh l-incident kienet lluminata biss minn bozoz ta' *street lighting*, li t-tarmac kien fi stat tajjeb u kien niexef. Illi qrib il-vettura Ford Fiesta kien hemm brake mark wahda ta' tul zewg metri punt hamsa izda din ma kienetx twassal sal-vettura msemmija.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Illi ghalhekk, mill-provi prodotti li ma humiex kontestati, ma hemm dubbju li l-imputat ghandu jinzamm responsabbli ghal incident in kwistjoni peress li kien qed isuq b'manjiera perikoluza u traskurata.

**Ghalhekk <u>il-Qorti</u> wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 u l-artikoli 226(1)(c) u 328 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed ssib lil imputat ENRICH JOE CAUCHI <u>hati tal-ewwel</u> (1) akkuza kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' tmenin (80) lira maltin.**

**Dwar <u>t-tieni (2) w it-tielet (3) akkuza, il-Qorti</u> pero tiddikjara li <u>mhux ser tiehu konjizzjoni taghhom stante li l-kwerelanti Spiridone Camilleri u Nicholas Zammit irrinunzjaw ghal azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat filwaqt li tiddikjara prodediment ezawrit fil-konfront ta' dawn iz-zewg akkuzi</u>.**

**Tordna, ai termini tal-artikolu 30 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-iskwalifika tal-licenzja tal-imputat ghal perjodu ta' tlett (3) xhur mill-lum.**

**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti w esperti, il-Qorti tilqa tali talba u tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes kollha nvoluti fil-hatra tal-esperti nominati u cioe tal-Perit Gwido Vella u Joseph Zammit fl-ammont komplessiv ta' mitejn tmienja w sebghin lira maltin u sitta w tletin centezmu [LM 278.36] u dan fi zmien xahrejn (2) u f'kaz li l-imputat jonqos li jhallas dan l-ammont, dan**

**jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hames [5] liri dovuta.**

**Tordna li kopja ta’ din s-sentenza tigi notifkata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal dan l-ghan.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------